

Motivi u argumenti prinċipali

B'deċiżjoni tat-12 ta' Lulju 2007 fil-Kawża T-144/02 Richard J. Eagle *et vs* Il-Kummissjoni [2007] Ġabra II-0000, il-Kummissjoni ġiet ordnata mill-Qorti tal-Prim'Istanza sabiex tħallas lir-rikorrent id-danni għal ċertu ammont.

Permezz ta' ħlas fis-16 ta' Novembru 2007 il-Kummissjoni ħallset ammont imnaqqas peress li paċiet is-somma ta' EUR 36 551,58. Ir-rikorrent jikkontesta d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li s-somom dovuti lilu jitnaqqsu b'dan l-ammont.

In sostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent isostni li l-Kummissjoni wetqet żball ta' liġi meta waslet għad-deċiżjoni kkontestata, peress li d-deċiżjoni kienet abbuż illegali ta' proċeduri peress li l-Kummissjoni kienet irtirat it-talba tagħha għat-tpaċija matul il-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u b'hekk ma setgħetx unilaterament issegwi l-kwistjoni sussegwentement.

Barra minn hekk, ir-rikorrent isostni li d-deċiżjoni kkontestata kienet tmur kontra aspettativa leġittima vinkolanti tar-rikorrent, peress li l-Kummissjoni kienet aċċettat l-ammonti tar-rikorrent f'korrispondenza sussegwenti għas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja.

Fl-aħħar nett, ir-rikorrent isostni li n-noti ta' debitu li fuqhom kienet ibbażata id-deċiżjoni kkontestata naqsu milli jipprovdu bażi legali xierqa għad-deċiżjoni u li d-deċiżjoni kienet ibbażata fuq żball ta' kalkolu fundamentali fir-riwgard ta l-imgħax mitlub.

— tordna lill-Kummissjoni tħallas kumpens għad-dannu mġarrab mir-rikorrenti b'riżultat tal-proċedura tas-sejħa għal offeriti in kwistjoni, fl-ammont ta' EUR 441 564,50;

— tordna lill-Kummissjoni tbat i-ispejjeż kollha tar-rikorrenti marbuta ma' dan ir-rikors, anki jekk dan jiġi miċħud;

— tordna lill-Kummissjoni tbat i-ispejjeż kollha tar-rikorrenti marbuta ma' dan ir-rikors.

Motivi u argumenti prinċipali

Ir-rikorrenti ppreżentat offerta b'risposta għal sejħa għal offeriti magħmula mill-konvenuta għall-hosting, immaniġġjar, tit-jib, promozzjoni u manteniment tal-portal ta' l-internet tal-Kummissjoni dwar l-"e-learning" (elearningeuropa.info) (ĠU 2007, S 87-105977). Ir-rikorrenti tikkontesta d-deċiżjoni tal-konvenuta tat-12 ta' Novembru 2007 li tiċħad l-offerta ppreżentata mir-rikorrenti u li tinforma lir-rikorrenti li l-kuntratt kien ser jingħata lil offerent ieħor. Ir-rikorrenti titlob ukoll kumpens għall-allegati danni kkawżati mill-proċedura ta' sejħa għal offeriti.

In sostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti ssostni li l-konvenuta għamlet żbalji manifesti ta' evalwazzjoni u naqset milli tagħti raġunijiet skond l-Artikolu 253 KE. Barra minn hekk, ir-rikorrenti tallega li l-konvenuta ħawdet kriterji ta' evalwazzjoni ma' kriterji ta' għoti meta evalwat l-offerti u użat kriterji ta' evalwazzjoni li ma kinux ġew ikkomunikati lill-offerenti qabel id-data ta' skadenza għall-ippreżentar ta' offeriti. Fl-aħħar nett, ir-rikorrenti ssostni li l-konvenuta kisret il-prinċipju ta' non-diskriminazzjoni.

Rikors ippreżentat fit-22 ta' Jannar 2008 — Evropaïki Dynamiki vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-39/08)

(2008/C 92/69)

Lingwa tal-kawża: L-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Evropaïki Dynamiki — Proigmena Systimata Tilepikoinonion Pliroforikis kai Tilematikis AE (Ateni, il-Greċja) (rappreżentant: N. Korogiannakis, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

Talbiet tar-rikorrenti

— tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiċħad l-offerta tar-rikorrenti u tagħti l-kuntratt lill-offerent magħżul;

Appell ippreżentat fl-1 ta' Frar 2008 — Vakakis vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-41/08)

(2008/C 92/70)

Lingwa tal-kawża: L-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Vakakis International — Symvouli ġia Agrotiki Anaptixi AE (Ateni, il-Greċja) (rappreżentant: B. O'Connor, solicitor)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej